2025/1158

6.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1158

tal-5 ta' Ġunju 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1472 dwar Akkademja Diplomatika tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1472 [1].

(2) Jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1472 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni (PESK) 2024/1472, l-Artikolu 11(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-programm ta' taħriġ matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 għandu jkun ta' EUR 1 702 807,39.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

D. KLIMCZAK

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1472 tal-21 ta' Mejju 2024 dwar Akkademja Diplomatika tal-Unjoni Ewropea, (ĠU L, 2024/1472, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1472/oj)